

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6571 – Vitol/Grindrod/Cockett Group)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2012/C 158/09)

1. Fid-29 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha Vitol B.V. ("Vitol", il-Pajjiżi l-Baxxi) u Grindrod Limited ("Grindrod", l-Afrika t'Isfel) jakkwistaw, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Cockett Marine Oil Pte Ltd (Singapore) u Cockett Marine Oil South Africa (Pty) Ltd (l-Afrika t'Isfel) (flimkien il-"Grupp Cockett") permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Vitol: attiva fil-kummerċ fiżiku ta' prodotti tal-enerġija għall-konsum relatati b'mod partikolari mas-settur taż-żejt u tal-gass,
- għal Grindrod: attiva fil-ġarr ta' merkanzija fit-toroq, bil-ferrovija, bil-baħar u bl-ajru permezz ta' servizzi integrati ta' loġistika li jagħmlu użu minn assi u infrastruttura speċjalizzati,
- għal Grupp Cockett: attiv fix-xiri u l-bejgħ ta' karburanti għall-bastimenti, magħruf ukoll bħala bunker trading.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6571 – Vitol/Grindrod/Cockett Group, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").